Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 400 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Christopher Schembri**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Schembri, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju, 1982 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 362782 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'xi data fix-xhur ta' qabel is-17 t`Awissu 2011 matul xi hin bil-lejl, minn gewwa l-Bocci Club sitwat fil-Marsa, ikommetta serq ta` diversi oggetti fosthom Hifi, apparat tad-dawl, xorb alkoholiku u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u sar ghad-detriment ta` Pierre Cremona jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsarat ma tiskorrix il l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centenzmu ta' l-ewro imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai terminni tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibbdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 289, 325(1)(b), 334(a) u 533 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal erba' snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christopher Schembri minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassarha u tirrevokha u kwindi minnha tillibera lill appellant skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u,

Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi primarjament, l-appellant jistghageb kif il-persuna illi litteralment talbitu pjacir jassistiha (Gorg Galea) sabiex jmur jiehu l-oggetti minn hwejjgu stess cjoe, proprjeta ta` Galea qatt ma tressqet jew ossia kienet arrestata waqt il-mori ta` procedure appellati! Jsegwi illi Cremona kien moruz fi hlasijiet ta` kera ad favur is-sid Galea stess, u b'hekk Galea talab ragel iehor jghinu jgorr dawn l-oggetti. Issa kif ben

elenkat u not il-Carrara jiddifenixxi serq bhala:*la contrazzione dolosa, senza autorizzazione di un oggetto mobile, col animo di far lucro'.*

Hawnhekk si tratta ta` oggetti allegatament ta` Cremona, <u>izda</u> li l-mottiv ittiehdu minn Galea abbazi li Cremona ma kienx hallsu l-kirjiet miftiehma fuq il-gestione tal-club msemmi. L-appellant kien semplici ghodda sabiex Galea li hawn jikkomporru l-elementi kollha ta` raggion fattasi skond il-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u b'hekk qatt ma kellu l-mensrea rikjesta sabiex huwa jinstab hati dwar serq ikkwalifikat kif fill-fatt sabitu hati l-Ewwel Qorti. Mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess, xhed Cremona fejn dan iddezimina totalment minn responsabbilita` lil appellant innifsu, stante li Cremona kien ben konxju ta` x kien l-iskop ghala Galea mar jehodlu dawn l-oggetti u certament l-appellant qatt ma kellu konnessjonijiet ma Cremona jew kien jaf bl-esistenza ta` dawn l-oggetti mittiehda.Xehdet wkoll Monica Agius, is-siehba ta` Galea fejn din stqarret li kienet presenti meta Galea staqsa lil appellant sabiex jmur jghinu jiehu l-oggetti. Meta wasal sabiex jittella jixhed Galea, dan ghazel li ma jixhiedx ghax jista jinkrimina ruhu! [1]

L-appellant assistit minn avukat ta` ghajnuna legali, kellu opportunita limitatissima cjoe li jixhed huwa biss, fejn rega tenna dak gia maghruf mill-investigaturi meta kellimhom qabel irilaxxa stqarrija esebita, fejn anka l-ufficcjali investigaturi stqarrew kif qallhom *'verbalment'* qabel ma bdew jiktbu l-istqarrija. Il-fatt illi meta l-appellant gie biex jwiegeb huwa ghazel li ma jwiegibx, ma jista' qatt jimpingi kontra tieghu meta Qorti tqies il-kredibbilita jew le, ta` xhud jew xhieda. Ghandu jkun tenut kont ta` min huwa Galea Gorg li ma tressaq qatt fuq serq bhal l-appellant. l-appellant f'kull ragun u probabbilita` hass li m ghandhux jwiegeb bill-miktub stante biza' minn Galea, u dan kif wara snin fill-fatt sehh meta l-istess Galea allegatament ikkommetta triplu omicidju liema proceduri ghadhom *sub judice.*

Illi fl-ahharnett, il-logika u dinamika timplika illi l-appellant meta biegh l-oggetti lil Magro Alan, qatt ma qallu li kienu misruqin, ovvjament lanqas huwa stess ma basar li misruqin, la Galea qallu li kienu tieghu! B'hekk Magro poggiehom f'hanut li

[1] Avolja sall-lum il-gurnata qatt ma tressaq anka jekk cjarament kien huwa stess illi ha l-oggetti u b'hekk il-principal f'kwalunkwe imputazzjonijiet)

ghandu Birkirkara minn fejn intlemhu minn Pierre Cremona ftit jiem wara li Magro xtrahom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Fis- 17 ta' Awissu, 2011 gie rrapurtat minn Pierre Cremona li kienet sehhet serqa bejn l- 1 ta' Mejju u s- 17 ta' Awissu minn gewwa il-Marsa Bocci Club[2];

2. Illi fost bosta affarijiet ohra kien gie nieqes *Hi-FI equipment*, liema apparat instab ghand Alan Magro li qal li xtara din is-sistema tas-sound minghand l-appellant fejn filwaqt li kien gia thallas parti mill-prezz kien baqa' x'jithallas;

3. L-appellant gie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa ta' l-verzjoni tieghu u cioe' li kien intalab minn George Galea is-sid ta' dan il-klabb tal-Bocci biex imur jghinu jgorr oggetti peress li dan George Galea kien sejjer jikrih lil terza persuna. L-appellant kien zamm dawn l-oggetti fil-garaxx tieghu gewwa Bahar ic-Caghaq;

4. Irrizulta izda li dan il-klabb kien mikri lil Pierre Cremona li rraporta li kienu nsterqulu xi affarijiet u flus;

5. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

[2] Skont dak li jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011)

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li '*Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49 u 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 289, 325(1)(b), 334(a) u 533 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal erba' snin prigunerija.*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.*'

Illi ghalhekk jirrrizulta li l-Qorti erronjament naqset milli tindika l-kapitolu tal-Ligi ta' Malta li kienet qieghda taghmel referenza ghalih meta indikat l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom kienet qieghda ssib htija. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dan in-nuqqas igibx in-nullita' tas-sentenza appellata.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***<u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>****.*' (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'</u>**[3] gie kkunsidrat li:

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun</u>*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)

*tikkontempla r- reat;* *(App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[4] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. John Sultana'**[5] intqal li:

*'L-Artikolu 382 tal- Kodici Kriminali jghid li s-sentenza moghtija kontra l-imputat ghandu jkollha fiha cioe` issemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li jkun jikkontempla r-reat li tieghu dak li jkun ikun qed jinstab hati. S'intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b'iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r- reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f'dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal- Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl- imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali...'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[6] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9.'*

Ghalhekk l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-Qorti fis-sentenza ssemmi l-fatti li l-akkuzat ikun instab hati taghhom, tindika l-artikoli li

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2001 (Appell Numru 14/2001)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)

jikkontemplaw ir-reat u l-piena. Din il-Qorti ghalhekk tqis li n-nuqqas tal-Qorti milli tindika l-Kapitolu tal-Ligi ta' Malta tal-artikoli li tahtom kienet qieghda ssib htija bhala nuqqas ta' formalita' sostanzjali u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

Din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid fil-mertu bl-aggravji tal-appellant jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni taqra:

'*U nakkuzawh talli f'xi data fix-xhur ta' qabel is-17 t'Awissu 2011 xi hin matul il-lejl, minn gewwa l-Bocci Club sitwat fil-Marsa, ikommetta serq ta' diversi oggetti fosthom Hifi, apparat tad-dawl, xorb alkoholiku u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u sar ghad-detriment ta' Pierre Cremona u/jew persuna/i ohra;*'

Meta xehed l-**Ispettur Chris Pullicino** fis-seduta tas- 26 ta' Awwissu, 2011 fost affarijiet ohra spjega li '*Christopher Schembri gie mitkellem dwar dawn l-affarijiet kien ammetta mal-Pulizija illi eventwalment kien hu flimkien ma' persuna ohra li dahlu fil- Bocci Club billi sgassaw bil- lejl il-katnazz tal- imsemmi club. Spjega wkoll li l- persuna l- ohra kien George Galea li huwa l- owner precedenti ta qabel is- Sur Calleja. Hu qal lid an kien qallu li kien cempillu xi hin bil- lejl u talbu sabiex igib bictejn ghodda sabiex imorru hemmhekk halli jiehu xi affarijiet li kienu tieghu qabel jikrih. Sussegwentement tkellimna wkoll lil George Galea fejn dan George Galea kien stqarr mal-Pulizija lid an mhux veru xejn li qed jghid Christopher Schembri, li hu ma mar jisgassa mkien u dak in- nhar il- hanut kien gia' mikri jigifieri l- verzjoni ta' Christopher Schembri li l- hanut kien se jikrih l- ghada u allura ried inehhi xi affarijiet ma baqghetx treggi.*' Jirrizulta li fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fit-18 ta' Awissu, 2011 l-appellant ghazel li ma jwegibx il-maggoranza tad-domandi maghmulha lilu. Huwa ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

In kontro-ezami l-Ispettur Pullicino fis-seduta tas- 26 ta' Awissu, 2011 spjega li l-appellant kien qallu li kienu marru bil-lejl fid-dlam jiehdu l-affarijiet u sa kemm hadu l-affarijiet lehaq sebah. Xehed li l-imputat '*spjega li George Galea kellu kirja kien se jikri l- hanut u eventwalment ried inehhi xi affarijiet qabel jigi dan ha jara l- hanut u jippretendi li jghatihomlu b' dawk l- affarijiet go fih. Pero imbaghad x' hin kellimt ll George Galea qalli jien ma kellix ghalfejn immure hemm. Il- hanut kien gia' mikri kien ilu mikri u ma kellix ghalfejn immur niehu l-ebda affarijiet.*'

L-**Ispettur Kevin Farrugia** li xehed fis- 26 ta' Awissu, 2011 fost affarijiet ohra spjega li '*Meta mill- investigazzjonijiet taghna imxejna u kellimna lil Alan Magro, Alan Magro kien ireferiena ghall- imputat fejn l- imputat kien gie arrestat u nvestigat. L-imputat stess kien hadni gewwa l-garage tieghu li jinsab gewwa Bahar ic- Caghaq vicin Marley's Bar. Il- proprjeta' m' ghandiex isem u gewwa l- garage tieghu konna sibna zewg par ingwanti suwed, l- ghodda li allegatament l-imputat qalilna li kienet intuzat biex gie sgassat il- MArsa Bocci Club. Instab flixkun tax-xorb vojt, flixkun iehor mimli b'xi likwidu u kienu nstabu wkoll il- partijiet li jehlu mal- flixkun biex jaghmlu l-grokk. Kienu nstabu wkoll affarijiet relatati mal-bar bhal mats li jsiru fuq il- bar. Dawn kienu gew elevati taht l-inkjesta. Kif ukoll instabet ukoll magna tal- perzut li din ukoll kienet giet elevata. Min- naha tal- imputat mieghi wkoll wara li nghata t- twissija kien ammetta li iva kien mar bil- lejl gewwa Marsa Bocci Club ma' dan certu George biex sar l- isgass u sussegwentament ittiehdu dawn l-affarijiet minn hemmhekk. Qalli wkoll li l- ammont ta xorb allegatament irraportat misruq minn gewwa l- Marsa Bocci Club ghamel xi zmien gewwa l-garage tieghu. Qed jghid ukoll li hu kien ta cavetta lil George u sussgwentament ix- xorb ukoll mexa minn hemm.*' Meta l-Ispettur Christopher Pullicino xehed fis-seduta tas- 26 ta' Jannar, 2012, huwa spjega li '*Christopher Schembri kien spjega lil Pulizija illi eventwalment, darba fost l-ohrajn ghal xi hin kmieni filghodu, cioe tard bil-lejl kien cempillu wiehed jghidulu t-tunnu li wara rrizulta li huwa certu George Galea, talbu jgib xi ghodda mieghu u qallu biex jigi fejn il-club tal-bocci tal-Marsa. Spjega illi waqt li ittiehdu l-affarijiet hu kien prezenti meta gew zgassati u nqalghu xi bricks jew knaten. Biss pero qal li dan George Galea qallu li huwa kien l-owner precedenti tal-kazin u ha jiehu dak li hu tieghu qabel jiehdu l-owner il-gdid. Saret search fil-garaxx ta' Christopher Schembri gewwa Bahar ic-Caghaq fejn fil-fatt instabu diversi affarijiet ohra li kienu ittiehdu minn dan il-fond. Biss pero hemm diversi affarijiet li jiswew il-flus baqghu ma nstabux.*' Xehed li '*George Galea kien spjega taht is-solitu twissija illi l-hanut kien inkera lil certu wiehed jghidulu s-sigarr. Ghal kemm hu ghadu l-president tal-club tal-*

*bocci, hu m'ghadux il-bar tender. Qalli fil-bar kien ghad ghandu xi affarijiet li allegatament kienu tieghu u ghal hekk mar f'dan il-hin u talab l-assistenza ta' Christopher Schembri sabiex jghinu jiehu dawn l-affarijiet minn hemm gew. Gol-garaxx ta' Christopher Schembri waqt it-tfittxija li ghadni kif semmejt aktar qabel, kienu nstabu zewg fliexken tax-xorb, il-kexxun tal-cash register u xi ghodda ohra li ntuzaw allegatament f'din is-serqa inkwisstjoni.'*

**Alan Magro** xehed fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn spjega li kellu hanut San Gwann jismu 'Males'. Spjega li '*kien cempilli Chris Schembri ghal iktar minn darba u dak iz-zmien ma kellix interess li nixtri s-sound. Imbghad kienet waslet iz-zmien tal-festa u kienet l-okkazzjoni biex narma ghal-festa. Xi granet qabel kienu gew il-Pulizija ta' San Gwann biex ma narmawx ghax issa mhux ser isiru aktar storbju u speci ta' baqghu fil-garaxx, fl-istore fejn kienu. Kien gie guvnott biex jixtrihom. Kien baghatu l-istess Chris.*' Bhala prezz spjega li '*Kont ftiehemt mieghu €600, kien hemm €100 kienet diga mhallsa ghax kien jahsel il-karozzi ghandna u kont tajtu fuq €300 ohra u kien baqa' xi differenza li sa dak in-nhar kien ghadu ma thallasx.*' Mistoqsi jekk ghaddielux xi hsieb partikolari dwarhom meta xtrahom wiegeb li '*Lanqas minima idea. Jiena lil Chris nafu nice u kien jigi l-hanut jiehu drink ghandi u kien ihallasni, ezempju round jigi €10 u kien nghidli zomm il-bqija u dejjem nafu ma l-aqwa nies, qatt m'ghaddieli minn mohhi u ma nafux t'hekk jigifieri jekk gew b'xi storja ohra...*' Pierre Cremona li xehed ukoll fis- 26 ta' 2012 spjega li kien ghamel rapport li serquh mill-club tal-bocci l-Marsa. Jghid li kien ilu ghandu xi seba' (7) xhur, tmienja (8) u zammu sal-ahhar li serquh ezatt, sar-rapport li ghamel. Spjega li l-affarijiet kollha tieghu u li meta ha l-post kien hemm salotti, zewg linef u fridge u l-bqija kienu tieghu. Jghid li meta ha l-hanut '*kull ma bdilt, bdilt il-katnazz tal-bieb tal-hadid u c-cwievet li tiftah bihom kellu s-sid minnhom George Galea u sirt naf, ghax jien kont ilni ma immur niccekjah il-hanut xi tlett xhur jw xahrejn, jigifieri kienu ilhom li serquh il-hanut. Imbghad kien hemm wiehed u qalli isma' fethulek il-club tal-Marsa tal-Bocci insomma. Inzilt hemm u rajt li inqatat il-hadida tal-katnazz biss. Il-bieb ta' l-aluminium infetah bic-cwievet ghax kellu sett hu u kien ilu biex itihomli zmien u kellu tas-sellatura tal-bieb tal-hadid imma dak il-katnazz kont bdiltu, bdilt il-katnazz biss u ssega l-parti fejn jikklilja u sirt naf li George Galea maghruf it-tunnu kien hadu hu, zgassah hu l-hanut. Marru hu u tieghu.*' Jghid li '*Sirt nafu ghax kien hemm bniedem beda jghidli u qalli lili tikxifnix, qalli ghax naf bic-cert li hu dahallek bic-cwievet. Fil-fatt jekk irridu ahna nkunu nafu bic-cert jekk l-Qorti trid tkun taf bic-cert hux vera dan li qed nghid jiena, l-imputat ghandu d-decoder li kien idawwar il-cameras fimt ghax lanqas l-*

*imputat m'huwiex hu. Dahhlu fil-problema George it-tunnu lil l-imputat. Ghandu d-decoder tar-recording. Tistghu taraw bic-car.'* Jghid li '*Kien hemm xi gebel taparsi maqlugh biex jidhlu. Ghamlu moviment li jidhlu minn hemm meta ftit qalghu gir minn mal-hajt.'* Xehed li '*Gie bniedem qalli li hemm is-sound qieghed Birkirkara ghand bniedem jigifieri. Batt lil dak li kien qed idoqq is-sound ghax jien ma naghrufx u kelli kaxxa li kienet qeghda bis-serial number u m'armejtiex fimt u nfurmajna lil Pulizija li kien qieghed f'dak it-tali post. Insomma marru l-Pulizija u sabuh hemm.'* Pierre Cremona kien anke xehed quddiem Richard Aquilina A.I.C. fl-atti tal-inkjesta fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn kien xehed li Marsa Bocci Club ilu f'idejh xi seba' (7) xhur izda li kien ilu xi tlett xhur maghluq u li kien jghati daqqa t'ghajn minn barra. Jghid li dalghodu cempillu Shannon, it-tifel ta' oht il-mara u qallu li kien mar biex jixtri sound system go Birkirkra u dak li ra kien tax-xhud. Spjega li meta kien jopera l-post, is-sound kien joperah Shannon. Spjega li mar fuq il-post f'xi nofs in-nhar jew ftit wara u sab il-bieb tal-aluminium mhux imsakkar. Spjega li l-bieb tal-hadid kien maqlugh u dak kellu l-holqa tal-katnazz maqtugha u meta dahal gewwa sab it-taqlib u spjega x'oggetti u flus kienu nieqsa. Huwa spjega ukoll li meta ha l-post f'idejh huwa ma bidilx is-serratura tal-bibien izda biddel il-katnazz tal-bieb tal-hadid.

**PS 201 Sandro Magro** fis-seduta tas- 17 ta' Mejju, 2012 qal li '*Jiena mort fuq il-post, fejn kien uriena Pierre Cremona ukoll li min kien dahal fil-club probabbli kien uza' cavetta minhabba li ma kienx hemm zgass. Imbghad kien hemm katnazz fuq gewwa li jaghti ghal bieb iehor u kien qalli li kien gie nfurmat min-nepputi tieghu, min certu Shannon Cauchi illi waqt li kien qieghed Birkirkara, kien innota, go store kien innota s-sound li kien gharfu li kien ta' zijuh.*' **Shannon Cauchi** li xehed fis- 17 ta' Mejju, 2012 xehed li mar jixtri minn Birkirkara minghand is-sonic f'garaxx, spjega li '*Mort biex nixtri dan is-sound. Kien taz-zju tieghi u mort ghidtlu ghax hsibtu bieghu u qalli li jien ma bieghtux. Inzilna l-hanut tieghu u sibnieh miftuh il-bieb tal-hanut u sibna li serqulu l-affarijiet.*' Huwa gharaf li kien ta' zijuh gax kien idoqq bih ghand zijuh u jghid li qablu l-kaxxa tal-mixer. Sussegwentement, mar ghand zijuh u cempilli u marru ghand il-Pulizija u l-Pulizija nizlu l-hanut u u ndunaw li kien misruq. Jghid li l-ispeakers kienu fuq barra, fil-garaxx fejn jidhru kienu. Shannon Cauchi kien anke xehed fl-atti tal-inkjesta quddiem AIC Richard Aquilina fis-sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn kien qal li l-club tal-bocci jinsab f'idejn iz-ziju tieghu Pierre Cremona u li

dan ilu magħluq għal xi tlieta (3) jew erba' (4) xhur u kien imur jgħinu. Xehed li lbieraħ ried jixtri Sound system għad-dar tiegħu u staqsa lil ħabib tiegħu li hu minn Ħal-Qormi jekk kienx jaf lil xi ħadd li għandu wieħed. Dan ħadu għand wieħed Birkirkara ġo garaxx u meta daħal u ra żewġ speakers kbar, mixer u keyboard tad-*disco lights*, għarafhom simili għal dawk li kien hemm fil-post. Għalhekk ċempel lil Pierre Cremmona u staqsieh kienx biegħhom u kien wieġeb fin-negattiv u qallu li kien ra bħalhom ġo Birkirkara. Xehed li '*Hu ġie hawn dalgħodu u wara ftit ċempilli u qalli li kien hawn il-post miftuħ u talabni niġi.*' Li ġew il-pulizija u spjegalhom fejn kien ra l-ispeakers. Xehed li fil-post kien hemm kaxxa tal-mixer li għadda lil Pulizija.

L-imputat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u fid-disgħa u għoxrin (29) ta' April, 2016, xehed li hu u George Galea ilhom ħbieb żmien twil, xi tmien (8) snin, għaxra (10). Spjega li George Galea darba talbu jisilfu xi tmint'elef ewro (€8,000) biex jieħu l-club tal-boċċi tal-Marsa biex ikun jista' jimlieh bl-istock u jagħmel refurbishment u kien silifhomlu. Xehed li George Galea kien fetaħ il-club tal-boċċi u għamel diversi xhur imexxieh u li hu kien preżenti kemm il-darba. L-irwol ta' Galea kien barman kif ukoll kien il-president tal-club tal-boċċi tal-Marsa. Għamel xi disa' (9) xhur għaxra (10). Darba qallu li kien beħsiebu jwelli l-club għax iddejjaq, '*qalli għejni naqra ħalli ngorr xi affarijiet biex min jiġi jaraħ jieħdu bl-affarijiet li jkun hemm preżenti qalli għax jekk nurih per eżempju l-club b'xi televisions jew xi sound jew hekk ikolli ntiħulu b'kollox. U għidtlu bil-qalb kollha nsomma. Ċempilli qalli ġibli naqa sega għax ċavetta minnhom mhux tiftaħli u mort fuq il-post u sibt lilu u lil Monica Agius lit-tfajla tiegħu kien qed jippruvaw jifthu l-bieb biċ-ċwievet imma katnazz minnhom ma nfetaħlux.*' Spjega li '*Kien infetaħ il-lock biċ-ċavetta imma katnazz minnhom ma setgħetx iddawwarlu.*' Kien hemm '*Lock tal-bieb u kantanzza, il-lock tal-bieb fetaħlu imma l-katnazz ma setgħax jiftaħ. Il-katnazz kissru, għidtlu bħal speċi x'nista ngħinek jien, qalli issa ħa ngħabbilek l-affarijiet gol-karozza qalli għandek fejn izzomomli naqra?*' Jgħid li marru xil-ħamsa u nofs, is-sitta ta' wara nofsinhar. Dak iż-żmien kien ilu xi ġimgħa magħluq il-club tal-boċċi, ma kienx qed jiffunzjona. Spjega li '*għabbieli niftakar żewġ speakers kbar fil-karozza nizzilt is-seat ta' wara, għabbieli xi tmienja jew għaxar kaxxi xorb differenti li kienu magħluqin, il-miftuħin qalli tista żżommhom għalik personali qalli imma l-magħluqin ħa nneħħihom, għabbieli xi nkwatri, monitor u DVR niftakar, kien hemm xi żewġ files u rċevuti u nvoices tax-taxxi u hekk għidtlu dawn ħa nitfaħomlok għandi garaxx Baħar iċ-Ċagħaq għidtlu ħa ntik ċavetta għax ċavetta waħda biss għandi ħa tkun għandek, għidtlu issa kif tinżel, għax jien kont*

*noqghod Bahar ic-Caghaq ukoll, ghidtlu nitfalek ic-cavetta u hott l-affarijiet l-ohra li ghandek bzonn. Wara xi saghtejn insomma gie hu u tefgha l-kumplament tal-affarijiet gol-garaxx. Issa nzilt naf li kien hemm garaxx mimli pero l'iktar li kien hemm stock, u ghaddiet insomma u qisu xejn m'hu xejn. Issa jien l-intenzjoni tieghi li ghentu u li tajtu l-garaxx skop wiehed kelli, li nigbor xi haga lura minn dawk it-tmint elef ghax f'dawk is-sebgha xhur li kien qed jahdem qatt ma taghni xejn. Biegh kwazi kollox u ma taghni xejn u nzilt darba fost l-ohrajn sibtu hemm u kien fadal dan is-sound.*' Jghid li sabu fil-'*garaxx tieghi tajjeb ghax kien taht id-dar il-garaxx. U kull ma kien fadal dan is-sound. Ghidtlu madonna George ghidtlu bihhejt kollox mank qbadt 500 Euro tajthomli, qalli ara ha nghidlek ghandi dan is-sound ma stajtx inbieghu qalli jekk issib tbieghu ghidli kemm bihhejtu aqtahom milli ghandi ntik.*' Jghid li '*kellimt diversi nies li ghandi sound ghal bejgh kien tal-club tal-bocci tal-Marsa jigifieri lil min bihhejthom ghidtlu wkoll ta' min kienu minnf ejn gew ghax jiena mija fil-mija li kollox bis-sewwa kien, u bihhejthom lil certu Alan Magro, bihhejthomlu ghal 800, 100 Euro fix-xhar.*' Xehed li '*Tajthomlu Monday kien jew Tuesday insejt meta kien u dan Alan Magro qalli isma tkun taf lil xi hadd ha nerga nbieghu ghax m'ghandix uzu ghalih u kellu hanut ukoll Magro imma s-sound kien kbir wisq ghal hanut li kellu hu ghax cafetteria kellu. Terga u tghid wara xi gimgha lil dan Alan Magro sibtlu l-bejgh taghhom jien. Fhimt ghidtlu isma sibtlu l-bejgh filfatt lil dan il-persuna li jigi minn Pierre Cremona sid is-sound pero jien ma kontx naf mort Birkirkara ghandu carwash ghidtlu ghandi xi sound mur ara jghoddux ghalik. Xejn xejn forsi nithallas jien. Bghatu fl-indirizz fejn kien nsomma u l'ghada cempilli s-Supretendent Kevin Farrugia biex immur l-ghassa l-Imsida u minn hemmhekk sirt naf l-istorja ezattament.*' L-individwu li sab il-bejgh jghid li jismu Frans u mistoqsi jigix minn Pierre Cremona jghid li iva n-neputi tieghu, Sheldon Cremona. Jghid li ma kellu l-ebda idea li misruqin.

In kontro-ezami l-appellant ikkonferma li kien irrilaxxa stqarrija u li ghazel li ma jwegibx il-mistoqsiet kollha kwazi ghax fi kliemu '*assumejt li issa jigi George Galea u jiccara l-istorja hu.*' Cahad li lil George Galea jafu mix-xena tad-droga u cahad li huwa biegh droga lil George Galea. Mistoqsi jekk ghaddielux minn mohhu li setghu kienu misruqin minn persuna bhal George Galea wiegeb '*Misruqin meta l-club tal-bocci huwa tieghu, president tieghu? Mela hu ghandu ghalfejn jisraq l-affarijiet tieghu stess?*' Ikkonferma li l-affarijiet bieghom lil Alan Magro. Jghid li c-cavetta kien taghha lil George Galea.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm din il-Qorti qieghda tiddeciedi din il-kawza mill-gdid, kif gia inghad din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza. L-appellant jissottometti li jistghageb kif persuna li litteralemnt talbitu pjacir jassistiha u cioe' Gorg Galea sabiex imur jiehu l-oggetti minn hwejgu stess cioe' propjeta' ta' Galea qatt ma tressqet jew ossia kienet arrestata waqt il-mori tal-procceduri appellati. Li jsegwi li Cremona kien moruz fi hlasijiet ta' kera ad favur is-sid Galea stess u b'hekk Galea talab ragel iehor jghinu jgorr dawn l-oggetti. Li Carrara jiddefinixxi serq bhala '*la contrazzione dolosa, senza autorizzazione di un oggetto mobile, col animo di far lucro*'. Jghid li hawn si tratta ta' oggetti allegatament ta' Cremona izda li l-mottiv ittiehdu minn Galea abbazi li Cremona ma kienx hallsu l-kirjiet miftiehma fuq il-gestione tal-club imsemmi. L-appellant kien semplici ghodda sabiex Galea li hawn jikkomporru l-elementi kollha ta' raggion fattasi skond il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk qatt ma kellu l-mens rea rikjesta sabiex huwa jinstab hati dwar serq ikkwalifikat. L-appellant issottometta li Cremona iddezimina totalment minn responsabbilita' lil appellant innifsu peress li Cremona kien ben konxju ta' x'kien l-iskop ghala Galea mar jehidlu dawn l-oggetti u certament l-appellant qatt ma kellu konnessjonijiet ma Cremona jew kien jaf bl-ezistenza ta' dawn l-oggetti mittiehda. Jghid li xehdet Monica Agius, is-siebha ta' Galea fejn din stqarret li kienet prezenti meta Galea staqsa lill appellant sabie ximur jghinu jiehu l-oggetti. Meta wasal sabiex jittella jixhed Galea, huwa ghazel li ma jixhiedx ghax jista jinkrimina ruhu. Jissottometti li kellu opportuntia limitatissima li jixhed huwa stess u li rega tenna dak gia maghruf mill-investigaturi meta kellimhom qabel irilaxxa stqarrija u li meta gie biex iwiegeb ghazel li ma jweigibx minhabba biza minn Galea li allegatament ikkometta triplu omicidju liema proceduri ghadhom sub judice. Jissottometti li l-appellant biegh l-oggetti lil Alan Magro, li qatt ma basar li kienu misruqin.

Ghalhekk in succint id-difiza tal-appellant hi li huwa kien gie mitlub minn George Galea biex jghinu jgorr xi oggetti u li ma kienx jaf li dawn kienu misruqin. Din il-Qorti tissottolinea li ghalkemm fl-appell tieghu l-appellant jallega li Cremona kien moruz fi hlasijiet ta' kera a favur is-sid Galea, din l-allegazzjoni ma tirrizultax mill-atti. Minn imkien ma jirrizulta li Pierre Cremona kien moruz fil-kirjiet. In oltre' anke l-fatti anke fil-parti ddedikata ghal fatti fl-appell tal-appellant ma jirrizultax kollha

mill-atti. Din il-Qorti tista' tiddeciedi biss abbazi ta' provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u mhux dwar allegati fatti li l-appellant isemmi fir-rikors tal-appell li mhumiex sostanzjati bi provi. Dwar l-istqarrija, l-fatt li l-appellant ghazel li ma jwegibx ghal maggoranza tad-domandi bil-miktub kien dritt tal-appellant u ghalhekk din il-Qorti ma tista tigbed l-ebda inferenza minn dan il-fatt. L-appellant kien irrilaxxa stqarrija fi zmien meta ma kellux dritt ikollu Avukat prezenti waqt l-investigazzjoni izda l-appellant kien irrifjuta l-jedd li jikkonslta Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija. Stante izda li l-appellant mhuwiex jikkontesta l-ammissibilita' ta' dak li l-appellant anke stqarr verbalment lil Pulizija fl-investigazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra dak li ntqal fl-istadju tal-investigazzjoni mill-appellant bhala ammissibli. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal xhieda ta' certu Monica Agius izda mill-atti minn imkien ma jirrizulta li xehdet din Monica Agius u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis partijiet tal-appell li ma jirrizultawx mill-atti.

Din il-Qorti thoss li l-ewwel ghandha tindirizza l-fatt li George Galea baqa ma telax jixhed quddiem din il-Qorti. L-Ispettur Chris Pullicino fis-seduta tas- 26 ta' Awissu, 2011 kien xehed li '*Sussegwentement tkellima wkoll lil George Galea fejn dan* ***<u>George Galea kien stqarr mal-Pulizija li dan mhux veru xejn li qed jghid Christopher Schembri, li hu ma mar jisgassa mkien u dak in- nhar il- hanut kien gia' mikri jigifieri l- verzjoni ta' Christopher Schembri li l-hanut kien se jikrih l- ghada u allura ried inehhi xi affarijiet ma baqghetx treggi</u>***[7].' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti). Meta mistoqsi in kontro-ezami '*nghid sew li anke dan ghamiltu confront u Christopher Schembri qalulu f' wiccu lil George Galea ?*' wiegeb '*iva u nnegah George GAlea.*'

Meta rega xehed l-**Ispettur Christopher Pullicino** fis- 26 ta' Jannar, 2012 spjega li '*George Galea kien spjega taht is-solitu twissija illi l-hanut kien inkera lil certu wiehed jghidulu s-sigarr. Ghal kemm hu ghadu l-president tal-club tal-bocci, hu m'ghadux il-bar tender. Qalli fil-bar kien ghad ghandu xi affarijiet li alllegatament kienu tieghu u ghal hekk mar f'dan il-hin u talab l-assistenza ta' Christopher Schembri sabiex jghinu jiehu dawn l-affarijiet minn hemm gew.*' Ghalhekk mix-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino tas-26 ta' Jannar, 2012 jirrizulta li George Galea kien qal li l-hanut kien inkera lil xi hadd u li George Galea kien talab lill-appellant jghinu jiehu l-affarijiet minn hemm gew.

---

Minkejja dak li l-Ispettur Christopher Pullicino jghid li George Galea qallu, dan George Galea baqa qatt ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk l-Ewwel Qorti baqghet qatt ma semghet il-verzjoni ta' dan George Galea minkejja l-allegazzjonijiet kollha maghmulha mill-appellant. Filfatt skont ma jirrizulta mill-verbal tal-isbatax (17) ta' Jannar, 2013, George Galea ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Fil-verbal tas-seduta tal- 5 ta' Marzu, 2015 rega tnizzel li George Galea debitament mwissi mill-Qorti ghazel li ma jridx jixhed f'dawn il-proceduri kif kien gia ddikjara fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2013. L-importanza tax-xhud George Galea tohrog aktar cara mix-xhieda ta' Pierre Cremona moghtija fis- 26 ta' Jannar, 2012 u cioe' il-persuna li ghamel ir-rapport in kwistjoni. Huwa spjega li '*sirt naf li George Galea maghruf it-tunnu kien hadu hu, zgassah hu l-hanut. Marru hu u tieghu.*' Jghid li '*Sirt nafu ghax kien hemm bniedem beda jghidli u qalli lili tikxifnix, qalli ghax naf bic-cert li hu dahallek bic-cwievet. Fil-fatt jekk irridu ahna nkunu nafu bic-cert jekk l-Qorti trid tkun taf bic-cert hux vera dan li qed nghid jiena, l-imputat ghandu d-decoder li kien idawwar il-cameras fimt ghax lanqas l-imputat m'huwiex hu. Dahhlu fil-probema George it-tunnu lil l-imputat. Ghandu d-decoder tar-recording. Tistghu taraw bic-car.*' Ghalhekk id-derubat jghid li kien George Galea li serqu u li mhuwiex l-imputat. Interessanti huwa l-fatt li fir-rapport tal-Pulizija senjatament a fol 31 tnizzel ukoll li '*on arriving it was visible that as the complainant had noticed earlier that the culprit/s gained entrance by probably using a key to open the front aluminium door and forcing open the padlock into the second iron door. complainant added that he suspects in no one except that the only keyholder is the former clubs owner a certain George Galea known as ta'tinnu'. but added that he hadnt been too the club for atleast the past three months since the club is still opeating without necessary licenses, and also that it was no longer used as a bocci club.*' Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-katnazz tkisser, intuzat cavetta sabiex infetah l-ewwel bieb u li skont id-derubat Pierre Cremona, kien George Galea li kellu din ic-cavetta. In oltre', din il-Qorti tqis ir-relazzjoni tal-espert mahtur fl-inkjesta u cioe' tal-A.I.C. Richard Aquilina a fol 86 et sequitur tal-process fejn a fol 90 irrelata li '*Fid-daħla ta' dan il-fond kien hemm bieb ta' l-aluminium u ħġieġ fuq barra. Dan ma kellu l-ebda sinjal ta' żgass. Fuq ġewwa kien hemm bieb tal-ħadid li kien jissakkar b'serratura taċ-ċilindru u katnazz. Ma kienx hemm żgass fuq is-serratura, iżda l-ħolqa tal-katnazz kienet maqtugħa friska billi l-ħadid kien għadu jleqq. Il-qtugħ deher li kien sar b' xi mqass. It-twieqi kollha kellhom kontraport tal-ħadid.*' Ikkonkluda li '*Din is-serqa*

*kienet saret bi żgass ftit qabel is-16 ta' Awwissu 2011, u dan jirriżulta mill-fatt li l-qtugħ tal-ħolqa tal-katnazz kien għadu jleqq.*'

Ghalhekk il-fatt li bieb minnhom u cioe' dak tal-aluminium u hgieg fuq barra ma kellu l-ebda sinjal ta' zgass jindika li dan setgha infetah permezz ta' cavetta u ghalhekk minn persuna li kellha access ghal dan il-fond. Dan huwa anke kkonfermat mix-xhieda ta' PS 201 Sandro magro tas- 17 ta' Mejju, 2012 fejn spjegat li '*Jiena mort fuq il-post, fejn kien uriena Pierre Cremona ukoll li min kien dahal fil-club probabbli kien uza' cavetta minhabba li ma kienx hemm zgass.*' Ghalhekk tenut kont li skont ix-xhieda tal-appellant u l-verzjoni moghtija mill-appellant fl-investigazzjoni u cioe' li George Galea kien talbu biex jghinu jgorr oggetti minn dan il-klabb peress li qallu li Galea kien ser jikri dan il-post, l-implikazzjoni o meno ta' George Galea tassumi responsabbilta' partikolari u dan anke sabiex tigi pruvata r-raguni ghala l-appellant dahal f'dan il-klabb. Jekk l-iskop kienx li jisraq' jew jekk kienx li jghin lil Galea ghal ghan legittimu jew sabiex jghin lil Galea jiehu l-ligi b'idejh.

Ikkunsidrat;

L-appellant fl-appell tieghu jghid li l-oggetti allegatament ta' Cremona izda li l-mottiv ttiehdu minn Galea abbazi li Cremona ma kienx hallsu l-kirjiet miftiehma fuq il-gestione tal-club imsemmi. Kif gia inghad il-kwistjoni ta' morozita' fi hlas ta' kirja o meno tqajmet fir-rikors tal-appell izda fil-verzjoni li l-appellant kien ta' lil prosekuzzjoni u li kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma jsemmi l-ebda morozita tal-kera izda li George Galea kien talbu biex jghinu biex imexxi oggetti tieghu stess u cioe' ta' George Galea mill-club tal-bocci tal-Marsa u dan stante li George Galea ried jikri dan il-fond u ghalhekk ma riedx ihalli dawn l-oggetti hemm. L-appellant jghid ukoll li Galea kien anke talbu sega peress li ma setghax jiftah il-katnazz. Skont dak li xehed l-appellant, l-appellant kien sussegwentement zamm dawn l-oggetti fil-garaxx tieghu f'Bahar ic-Caghaq u li l-appellant peress li kien sellef xi flus lil George Galea, l-intenzjoni li jghin lil George Galea jiehu l-oggetti mill-klabb tal-bocci kienet fi kliem l-appellant '*l-intenzjoni tieghi li ghentu u li tajtu l-garaxx skop wiehed kelli, li nigbor xi haga lura minn dawk it-tmint elef ghax f' dak is-sebgha xhur li kien qed jahdem qatt ma taghni xejn.*' L-appellant ghalhekk jghid li kien Galea kien ta s-sistema tas-sound lil-appellant umbghad biegha lil Alan Magro. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax kontradizzjonijiet fil-verzjonijiet moghtija mill-appellant u dan

fejn filwaqt li skont dak li xehed l-Ispettur Chris Pullicino fis- 26 ta' Awissu, 2011 l-appellant kien qallu li kienu sgassaw bil-lejl il-katnazz tal-imsemmi klabb u fejn in kontro-ezami kien spjega li '*verbalment niftakar li kien qalli Christopher Schembri li kienu marru fid- dlam u sa kemm hadu l- affarijiet lehaq sebah.*' Izda meta xehed l-appellant Christopher Schembri fid- 29 ta' April, 2016 qal li l-hin '*Ma niftakarx ezatt x'hin kien imma kienu xi l-hamsa u nofs is-sitta. Wara nofsinhar.*' Din il-Qorti taghzel li temmen il-parti tal-verzjoni moghtija mill-akkuzat matul l-investigazzjoni u cioe' limitatament li dan l-att sar bil-lejl vicin is-sebh u mhux wara nofsinhar kif xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Kontradizzjoni ohra fost ohrajn fil-verzjoni moghtija mill-appellant, hija li ghalkemm l-appellant xehed li biegh l-apparat tas-sound lil Alan Magro ghal tmien mija (800), Alan Magro xehed li xtara dan l-apparat ghal sitt mitt ewro (€600) ghalkemm kien ghadu ma hallas il-prezz kollu.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'serq aggravat u ghalhekk lil hin mill-fatt li dak li sehh u cioe' li ttiehdu oggetti ta' Pierre Cremona huwa illegittimu, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant huwa hati ta' serq aggravat u dan bi grad ta' prova rikjesta fil-kamp penali, u cioe' dik ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Charles Paul Muscat'**[8] gie kkunsidrat li:

*'Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-* ***Pulizija vs Peter Ebejer****, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir- raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l- Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***Miller v Minister of Pension*** *- 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2018 (Numru: 54/2013)

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:*

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl- ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l- verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs JOSEPH MUSCAT (I.D. 265257M)'**[9]:

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April, 2017 (Kump Nru: 455/13)

*u cioe' beyond reasonable doubt.*'

Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Ix-xhieda ta' George Galea setghet issigilat il-kaz tal-prosekuzzjoni izda din il-Qorti ghandha quddiemha dubju dwar jekk giet ippruvata l-intenzjoni tal-appellant. Din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-appellant kien involut fit-tehid tal-affarijiet u cioe' kien prezenti meta ttiehdu dawn l-affarijiet u dan mhux biss fuq ammissjoni tal-appellant stess izda anke skont il-provi prodotti fosthom il-fatt li skont ma jirrizulta mir-relazzjoni tas-Scene of Crime Office PS 612 Theo Vella a fol 149 et sequitur fil-garaxx gewwa Bahar ic-Caghaq instabet ukoll fost affarijiet ohra ircevuta li giet iffotografata. Minn din l-ircevuta u cioe' '*Z DAILY FISC. REPORT*' jirrizulta li din kienet tghajjat lil 'MARSA BOCCI CLUB' u ghalhekk certament li hemm rabta bejn l-appellant u t-tehid tal-oggetti in kwistjoni. Ghalkemm din il-Qorti ma hija bl-ebda mod tqis il-verzjoni moghtija mill-appellant bhala l-verita' tqis izda li din il-Qorti ghandha dubju jekk dak li sehh kienx verament serq jew setghax inkella kienx kaz ta' raggion fattasi u cioe' fejn l-involviment tal-appellant kien sabiex jghin lil George Galea jiehu l-ligi b'idejh. Fatt li lanqas ma jista jinghad li gie ppruvat stante li George Galea ghazel li ma jixhidx. Ghalhekk ma tressqitx prova sufficenti li l-appellant mar bl-intenzjoni li jisraq u cioe' din il-Qorti ma tqis li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' serq gew ippruvati, liema elementi gew elenkati fis-sentenza fl-ismijiet. '**<u>Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit</u>**'[10]. Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

Il-fatt li dak li sehh sehh bil-lejl skont il-verzjoni moghtija mill-appellant lill-ufficjali prosekuturi fl-investigazzjoni, ghalkemm din il-verzjoni giet kontradetta mill-appellant aktar il-quddiem, huwa indikattiv li dak li kien qieghed isir ma kienx

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

legittimu izda dan ma jffissirx li l-appellant mar bl-intenzjoni ta' serq. L-istess jinghad dwar il-fatt li skont ma jirrizulta mill-atti inkluz mir-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella Scene of Crime Officer a fol 149 et sequitur fil-garaxx tal-appellant instabu anke zewg pari ingwanti ta' lewn iswed. Il-fatt li nstabu xi ghodda fil-garaxx gewwa Bahar ic-Caghaq tal-imputat li setghu intuzaw biex sar ir-reat ukoll ma jfissirx necessarjament li l-appellant kien partecipi fir-reat tas-serq. Il-Prosekuzzjoni setghet akkuzat bir-reat taht l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata u cioe' ta' pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, izda l-appellant ma giex akkuzat b'dan. Ghalhekk mill-assjem tal-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel (1) imputazzjoni ma gietx sufficentement ippruvata.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara ma tiskorrix il l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ta' l-eweo imma izjed minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin;*'

Meta xehed Pierre Cremona fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) kien spjega li '*Jiena meta hadt il-hanut, kull ma bdilt, bdilt il-katnazz tal-bieb tal-hadid u c-cwievet li tiftah bihom kellu s-sid minnhom George Galea...*' Spjega li '*Il-bieb ta' l-aluminium infetah bic-cwievet ghax kellu sett hu u kien ilu biex itihomli zmien u kellu tas-selatura tal-bieb tal-hadid imma dak il-katnazz kont bdiltu, bdilt il-katnazz biss u ssega l-parti fejn jikklikja l-katnazz u sirt naf li George Galea maghruf it-tunnu kien hadu hu, sgassa hu l-hanut. Marru hu u tieghu.*' Jghid li '*Kien hemm xi gebel taparsi maqlugh biex jidhlu. Ghamlu moviment li jidhlu minn hemm meta ftit qalghu gir minn mal-hajt.*' Meta rega xehed Pierre Cremona fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed li '*Hsara ma' kien hemmx, cucata. Sellatura biss.*' L-Ispettur Chris Pullicino fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) fost affarijiet ohra spjega li '*Christopher Schembri gie mitkellem dwar dawn l-affarijiet kien ammetta mal-Pulizija illi eventwalment kien hu flimkien ma' persuna ohra li dahlu fil- Bocci Club billi sgassaw bil- lejl il-katnazz tal- imsemmi club. Spjega wkoll li l- persuna l- ohra kien George Galea li huwa l- owner precedenti ta qabel is- Sur Calleja.* Meta xehed l-appellant Christopher Schembri fis-seduta tad- 29 ta' April, 2016 b'referenza ghal George Galea spjega li '*Cempilli qalli gibli naqra sega ghax cavetta minnhom mhux tiftahli u mort fuq il-*

*post u sibt lilu u lil Monica Agius lit-tfajla tieghu kienu qed jippruvaw jifthu l-bieb bic-cwievet imma katnazz minnhom ma nfetahlux.'* Spjega li '*Kien infetah il-lock bic-cavetta imma katnazz minnhom ma setghetx iddawwarlu.*' Spjega li '*il-lock tal-bieb fetahlu imma l-katnazz ma setghax jiftah. Il-katnazz kissru, ghidtlu bhal speci x'nista nghinnek jien, qalli issa ha nghabbilek l-affarijiet gol-karozza qalli ghandek fejn izzomomli naqra?*'

Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li kien l-appellant li ghamel hsara u cioe' li volontarjament hassar jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ukoll tqis li ghalkemm l-appellant xehed li George Galea kien talbu jgib sega peress li l-katnazz ma setax jinfetah u minkejja l-ghodda li nstabu fil-garaxx tal-appellant li setghu intuzaw sabiex il-katnazz gie sgassat, ma ngabitx prova li kien l-appellant li ghamel din il-hsara. Ghalhekk din il-Qorti lanqas ma tista ssib li din l-imputazzjoni giet ippruvata sufficentement.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Alfred Brown'**[11] gie kkunsidrat li:

'*Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1)*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Godwin Spiteri'**[12] gie kkunsidrat li:

'*Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[13]'

Il-prosekuzzjoni kellha ghalhekk tipprova li l-appellant xjentement laqgha ghandu dawn l-oggetti li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat mhuwiex bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni. Din il-Qorti terga tissottolinea li George Galea li kellu jkun xhud principali f'dan il-kaz ghazel li ma jixhidx u ghalhekk din il-Qorti ma tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat sufficentement li l-appellant xjentement kien jaf li dawn l-oggetti kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. In oltre' lanqas jista' jinghad li gie sufficentement ippruvat li meta l-appellant biegh is-sistema tas-sound system lil Alan Magro huwa kien jaf li dawn l-oggetti gejjin minn reat. Dak li l-appellant allega u cioe' li kien Galea stess li tah is-sistema tas-sound ma giex kontradett u dan stante li dan George Galea ghazel li ma jiehux il-pedana tax-xhieda. Alan Magro fix-xhieda tieghu tas- 26 ta' Jannar, 2012 meta mistoqsi jekk ghaddielux xi hsieb partikolari dwarhom meta xtrahom wiegeb li '*Lanqas minima idea. Jiena lil Chris nafu nice u kien jigi l-hanut jiehu drink ghandi u kien ihallasni, ezempju round jigi*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)

[13] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*€10 u kien nghidli zomm il-bqija u dejjem nafu ma l-aqwa nies, qatt m'ghaddieli minn mohhi u ma nafux t'hekk jigifieri jekk gew b'xi storja ohra...'* La darba din il-Qorti mhijiex issib htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, naturalment lanqas dik tar-recidiva ma tissussisti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi *ex officio* tiddikjara is-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u wara li qieset l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur